



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

27.1.2011

B7-0074/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B7-0007/2011 u B7-0008/2011
skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela u ta' Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti

Francesca Balzani, Vital Moreira
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

RE\855270MT.doc

PE455.902/rev01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela u ta' Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar it-tnejniet għas-sitt Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'Hong Kong¹, tal-4 ta' April 2006 dwar l-evalwazzjoni tar-Rawnd ta' Doha wara l-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Hong Kong², tas-27 ta' April 2006 dwar sħubija aktar b'saħħitha bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina³, tas-7 ta' Settembru 2006 dwar is-sospensjoni tan-negozjati dwar l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha (DDA)⁴, tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur bil-ħsieb għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni Inter-reġjonali⁵, tat-23 ta' Mejju 2007 dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, tal-24 ta' April 2008 dwar il-Ħames Samit bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew f'Lima⁶ u dwar “Lejn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata”⁷, tas-7 ta' Ottubru 2008 dwar is-sospensjoni tar-Rawnd ta' Doha tad-WTO u l-futur tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp⁸, tal-25 ta' Marzu 2009 dwar il-Ftehim għall-Partenarjat Ekonomiku bejn l-Istati CARIFORUM, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra⁹, tar-riżoluzzjoni leġiżlattiv tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹⁰, tal-5 ta' mejju 2010 dwar l-istrateġija tal-UE għar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina¹¹ u tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Amerika Latina¹²,
- wara li kkunsidra l-“Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana” bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela u l-Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti (minn hawn ‘il quddiem “il-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-Banana”),

¹ ĠU C 285 E, 22.11.2006, p. 126.

² ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 155.

³ ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 123.

⁴ ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 244.

⁵ ĠU C 308 E, 16.12.2006, p. 182.

⁶ ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 301.

⁷ ĠU C 323 E, 18.12.2008, p. 361.

⁸ ĠU C 259 E, 29.10.2008, p. 64.

⁹ ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 77.

¹⁰ ĠU C 9 E 05, 15.1.2010, p. 31.

¹¹ Testi adottati, P6_TA(2009)0175.

¹² Testi adottati, P6_TA(2009)0183.

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Marrakexx li Stabbilixxa l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerç,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Partenarjat bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u tal-Paċifiku (AKP) min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehim ta' Cotonou),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim għal Partenarjat Ekonomiku bejn l-Istati Cariforum, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra,
 - wara li kkunsidra l-konklużjoni tan-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali,
 - wara li kkunsidra l-konklużjoni tan-negozjati bejn l-UE u l-Kolombja u l-Perù dwar Ftehim ta' Kummerç bejn Bosta Partijiet,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO adottati f'Doha fl-14 ta' Novembru 2001 u f'Hong Kong fit-18 ta' Diċembru 2005 u s-Sinteżi tal-President adottata f'Ġinevra fit-2 ta' Diċembru 2009,
 - wara li kkunsidra l-eżenzjoni mill-implimentazzjoni tal-Artikolu I tal-GATT mogħti f'Doha f'Novembru 2001 (l-"eżenzjoni ta' Doha) għall-preferenza kummerċjali tal-Ftehim ta' Cotonou, b'tul proporzjonat għal dawn il-preferenzi kummerċjali, jiġifieri, sal-31 ta' Diċembru 2007,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Istati Uniti u l-Komunità Ewropea dwar il-Banana tal-11 ta' April, 2001,
 - wara li kkunsidra r-rapport tat-22 ta' Diċembru 2009 mid-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerç (WTO) dwar l-Użu tal-Kariga Tiegħu (skont l-Artikolu 3.12 tad-DSU) fit-Tilwim: KE – Reġim għall-importazzjoni tal-banana (DS361) inniedi mill-Kolombja u KE – Reġim għall-importazzjoni tal-banana (DS364) mniedi mill-Panama,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE tal-1 ta' April 2010 dwar il-ftehim bejn l-UE u l-Amerika Latina dwar il-banana u l-impatt tagħha fuq il-produtturi tal-banana mill-AKP u l-UE,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2011 (O-0012/2011 – B7-0007/2011) u lill-Kummissjoni (O-0013/2011 – B7-0008/2011) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerç tal-Banana,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Ftehimiet dwar il-Kummerç tal-Banana jirrisolvu l-itwal tilwima li qatt seħħet bejn l-UE u l-fornituri tal-banana minn l-Aktar Nazzjon Favorit(MFN) tal-Ameirka Latina;

billi jirrisolvu wkoll tilwima inċidentali u partikolarment ħarxa bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-UE u jwarrbu l-possibilità ta' sanzjonijiet detrinentali min-naħa tal-Istati Uniti tal-Amerika; billi bl-istess mod jirrisolvu kull pretiża mill-fornituri MFN tal-Amerika Latina dwar l-aħħar tliet tkabbiriet tal-UE,

- B. billi sal-1 ta' Lulju 1993, kull Stat Membru tal-UE żamm ir-reġim ta' importazzjoni proprju tal-banana, b'xi Stati Membru jkollhom arranġamenti speċjali li jiffavorixxu lill-pajjiżi li magħhom kellhom rabtiet storiċi qawwija;
- C. billi wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 bosta pajjiżi mill-Amerika Latina membri tad-WTO fornituri tal-banana lill-UE fuq bażi ta' MFN u lill-Istati Uniti tal-Amerika nedew proċedimenti ta' rizzoluzzjoni ta' tilwim kontra l-UE rigward id-diskrepanzi fit-trattament tal-banana esportata lis-swieq tal-Komunitajiet Ewropej minn fornituri differenti,
- D. billi nstab li xi aspetti partikolari tar-reġim ta' importazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej ma kinux konsistenti mal-liġi tad-WTO,
- E. billi numru ta' proposti mill-KE għall-modifika tar-reġim tagħha biex tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Korp ta' Rizzoluzzjoni ta' Tilwim ġew irrifjutati mill-pajjiżi li kienu qed jilmentaw,
- F. billi r-reġim il-ġdid tal-KE dwar il-banana li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006 ġie kkunsidrat bħala inkonsistenti mal-obbligi tal-UE fir-rigward tad-WTO,
- G. billi 20% biss tal-produzzjoni dinjija tal-banana tmur għall-esportazzjoni, peress li l-parti l-kbira hi diretta għas-swieq lokali,
- H. billi jeżistu diskrepanzi kbar f'termini ta' produttività u fil-livell ta' kompetittività fil-produzzjoni tal-banana bejn il-pajjiżi u ġewwa fihom; billi l-pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Filippini huma l-aktar esportaturi kompetittivi ewlenin,
- I. billi l-UE kkonkludiet in-negożjati mal-Kolombja u l-Perù dwar Ftehim Kummerċjali bejn Diversi Partijiet, kif ukoll ma' sitt pajjiżi tal-Amerika Ċentrali dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni,
- J. billi l-programm ta' għajjnuna interna tal-UE, POSEI ("Programm ta' għażla speċifika għall-iżolazzjoni u l-insularità"), jgħin lill-produtturi fir-reġjuni periferiċi tal-UE,
- K. billi l-banana hi r-raba' l-akbar prodott ta' esportazzjoni agrikolu fid-dinja u l-UE hi l-ikbar importatur tal-banana (nett) fid-dinja, bl-importazzjoni ta' kważi 5 miljun tunnellata fl-2007,
- L. billi l-produzzjoni tal-banana għandha impatt ewlieni fuq il-komunitajiet lokali, mhux biss f'termini ekonomiċi iżda wkoll fir-rigward tal-ambjent, l-immigrazzjoni u l-istandards dwar ix-xogħol,
- M. billi l-kumpaniji multinazzjonali li joperaw fl-Amerika Latina jikkontrollaw iktar minn 80% tas-suq globali,

- N. billi is-sistema ta' rata ta' tariffa bi kwota tal-UE ħolqot il-kundizzjonijiet li jippermettu lill-pajjiżi tal-AKP jesportaw kwantitajiet sostanzjali ta' banana lill-UE u taffiet l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej u pproteġiet numru kbir ta' impjiegi marbutin mal-produzzjoni tal-banana,
- O. billi l-ftehim ser ifisser tnaqqis sinifikanti fit-tariffi (35% bejn l-2010 u l-2017) għall-importazzjonijiet mhux minn pajjiżi li mhumiex membri tal-AKP; billi, b'riżultat ta' dan, il-produtturi tal-AKP u tal-UE x'aktarx ikollhom jadattaw għar-realta' l-għdida tas-suq internazzjonali,
1. Jieħu nota tal-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-Banana u jilqa' t-tmiem ta' waħda mill-aktar tilwimiet legali teknikament kumplessa, politikament sensittiva u kummerċjalment daqstant sinifikanti li qatt tressqet quddiem id-WTO;
 2. Iqis li l-Ftehim milħuq jirrappreżenta soluzzjoni, li ma dan kollu ma rnexxilux jirrikonċilja l-interessi leġittimi tal-partijiet kollha; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tressaq, malajr kemm jista' jkun, valutazzjoni tal-impatt tal-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-Banana dwar il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jipproduċu l-banana u r-reġjuni Ewropej l-iktar mbiegħda sal-2020;
 3. JJJJilqa' l-fatt li l-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-banana għandu jikkostitwixxi l-aħħar impenj ta' aċċess għas-suq tal-banana tal-UE għal inklużjoni fir-riżultati finali tan-negożjati multilaterali dwar l-aċċess għal prodotti agrikoli, magħluqb'suċċess fid-WTO (Rawnd ta' Doha);
 4. Jenfasizza li l-ftehim milħuq jirrappreżenta pass 'il quddiem limitat fit-taħdidiet tar-Rawnd ta' Doha, meta jitqies li d-diffikultajiet ffaċċjati jmorru ferm lil hinn mill-kwistjoni dwar il-banana;
 5. Jenfasizza li, kull tilwim pendenti u kull ilment imressaq sal-15 ta' Diċembru 2009 mill-fornituri MFN kollha tal-banana mill-Amerika Latina rigward ir-reġim kummerċjali tal-UE tal-banana, għandhom jingħalqu maċ-ċertifikazzjoni tal-Ftehim ta' Ġinevra dwar il-kummerċ tal-banana;
 6. Jinnota li ċ-ċifri għall-2010 juru li l-prezzijiet tal-banana għall-konsumaturi tal-UE baqgħu stabbli jew żdiedu bi ftit;
 7. Jenfasizza li l-UE għandha tnaqqas it-tariffa dwar l-importazzjoni tagħha mill-Amerika Latina, b'mod gradwali, minn EUR 176/tunnellata għal EUR 114/ tunnellata sal-2017;
 8. Jenfasizza li l-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-banana jippermettu lis-settur tal-banana jinqata' min-negożjati tar-Rawnd ta' Doha dwar "prodotti tropikali"; jenfasizza li filwaqt li l-"prodotti tropikali" għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta' tariffi aktar qawwija, it-tnaqqis ta' tariffi fuq "prodotti ta' erożjoni preferenzjali" ta' interess għall-pajjiżi tal-AKP għandhom jitwettqu fuq perijodu relattivament itwal mill-formula ġenerali applikata fin-negożjati; jenfasizza madankollu li l-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-Banana x'aktarx li ma jagħtux joffrux ftehim aċċettabbli lill-pajjiżi tal-AKP dwar il-kwistjoni ta' prodotti tropikali u l-erożjoni tat-trattament preferenzjali tagħhom, peress li l-proposti fformulati fi żmien il-Ftehimiet dwar il-Banana diġà ġew rifjutati minn xi ekonomiji emerġenti kbar,

kif jidher mir-reazzjonijiet tal-Indja u l-Pakistan tul il-laqgħa tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO f'Diċembru 2009;

9. Jinnota li l-UE tradizzjonalment toffri preferenzi tariffarji speċjali għall-banana impurtata mill-pajjiżi tal-AKP; ifakkar li xi membri tad-WTO kemm-il darba kkontestaw il-kompatibilità ta' dan it-trattament preferenzjali mar-regoli tad-WTO; jenfasizza li d-diversi sentenzi legali maħruġa mill-bordijiet ta' tilwim tad-WTO, mill-Korp tal-Appell u mill-arbitri speċjali kienu jirrikjedu bidla fir-reġim attwali;
10. Jiddispjaċih li l-approċċ reġjonali oriġinali ma setgħax jinżamm fin-negozjati tal-Ftehim bejn id-Diversi Partijiet u mal-pajjiżi Andini, li poġġa lill-Ekwador f'sitwazzjoni li ma jibbenefikax mill-istess tariffi bħall-Kolombja u l-Perù;
11. Jenfasizza li sa mill-2008, grazzi għall-ftehimiet attwali, il-banana mill-pajjiżi tal-AKP daħlet fl-UE, bla dazju u mingħajr kwota;
12. Jenfassizza li d-diskussjonijiet mwettqa b'mod parallel mal-pajjiżi tal-AKP wasslu għal ftehim li flimkien mal-ġajnuna regolari tal-UE, il-pajjiżi esportaturi tal-banana ewlenin tal-AKP għandhom jirċievu appoġġ ulterjuri permezz ta' programm ta' appoġġ ġdid - l-hekk imsejħa "Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana" (BAM); jenfasizza li l-pakkett tal-BAM jista' ma jkunx biżżejjed f'termini ta' flus u nieqsa mit-termini tal-perijodu ta' implimentazzjoni, biex effettivament tgħin lill-produtturi tal-banana mill-AKP jaġġustaw u jadegwaw għall-effetti tal-bidliet fir-reġim ta' importazzjoni tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni li tindika biċ-ċar li din tikkonsisti fi flus addizzjonali għall-fondi ta' kooperazzjoni attwali u li mhijiex biss kontribuzzjoni għall-baġits nazzjonali li ma jistgħux jiġu orjentati fuq programmi speċifiċi bħall-edukazzjoni u d-diversifikazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tressaq soluzzjoni finanzjarja multiannwali ġdida;
13. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-BAM, 18-il xahar qabrl tmiem il-programm, u tinkludi r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar l-azzjonijiet eventwali li għandhom jiġu previsti u x-xorta tagħhom;
14. Jirrifjuta bil-qawwa kull sforz ta' finanzjament tal-programm għall-pajjiżi tal-AKP produtturi tal-banana permezz tat-tqassim mill-ġdid tal-linji ta' baġit għall-koperazzjoni fl-iżvilupp;
15. Jinnota l-importanza li r-riżorsi mill-BAM jiġu allokatu fost il-pajjiżi skont it-telf mistenni f'termini ta' importazzjonijiet u ta' produzzjoni tal-banana flimkien mal-livell ta' żvilupp tal-pajjiż, l-indikaturi piżati u l-kummerċ tal-banana mal-UE; jenfasizza l-hteġa li jinstab bilanċ ġust bejn it-tliet tipi ta' interventi li jstgħu jitwettqu u li mhumiex reċiprokament esklussivi: dawk għat-titjib tal-effiċjenza tal-produzzjoni attwali, dawk li jkabbbru l-valur miżjud lokali, u dawk li jgħinu diversifikazzjoni lil hinn mill-produzzjoni tal-banana;
16. Jistieden lill-Istati tal-UE u tal-AKP iressqu miżuri ta' ġajnuna għall-Istati li għandhom dipendenza qawwija fuq il-banana, biex jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom, inkluż aktar bl-għoti ta' aktar Ġajnuna għall-Kummerċ;
17. Jenfasizza li l-banana tikkostitwixxi wieħed mill-prodotti agrikoli prinċipali f'ċerti reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni, partikularment fid-dipartimenti barranin Franċiżi tal-

Gwadalupe u l-Martinique, l-Azores Madejra u l-Gżejjer Kanarji.

18. Jirrakkomanda li titqies l-importanza soċjoekonomika tas-settur tal-banana fir-reġjuni l-iktar imbiegħda tal-UE, kif ukoll il-kontribut li jagħti għall-ilħiq tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, minħabba d-dħul u x-xogħol li jiġġenera, l-attivitajiet ekonomiċi li joħloq u l-effett li jżomm bilanċ ekoloġiku u tal-pajsaġġi, li jiffavorixxi l-iżvilupp tat-turiżmu.
19. Jinnota li l-programm ta' appoġġ POSEI kien deċiż fl-2006 fid-dawl tat-tariffa ta' aċċess għas-suq Ewropew ta' EUR 176/tunnellata, pprovata mid-WTO, dan ifisser li t-tariffa li tidher fil-ftehimiet tad-WTO dwar il-Kummerċ tal-Banana għadha ma ġietx ikkunsidrata fil-pakkett tal-POSEI; iħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti tal-UE biex jaġġustaw il-pakkett ta' appoġġ għall-produtturi domestiċi tal-UE previst fil-pakkett tal-POSEI u biex jieħdu passi ulterjuri biex jiżguraw li b'mod parallel għat-tendenzi tal-kummerċ globali tal-banana, il-produtturi tal-UE għandhom jkunu jistgħu jibqgħu fuq is-suq u jippromwovu l-attivitajiet tradizzjonali tagħhom;
20. Iqis li l-produtturi tal-banana jistgħu jiġu effettwati b'mod qawwi mill-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-Banana; Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni iżżid l-appoġġ tagħha għall-produtturi tal-AKP u tal-UE u testendi dan l-appoġġ sal-2020 jekk meħtieġ;
21. Jinnota li l-produzzjoni tal-banana fl-ibgħad reġjuni tal-UE (OR) għandha standards soċjali u ambjentali oġhla minn dawk li jeżistu f'bosta pajjiżi tal-Amerika Latina; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fl-ORs, l-użu ta' materja attiva differenti bħall-pestiċidi, tirrappreżenta dożi ta' madwar 20 sa 40 darba onqos minn dawk użati fil-pajjiżi tal-Amerika t'Isfel u Ċentrali, filwaqt li fil-qasam fitosanitarju, ħafna mill-materja attiva pprojbita mir-regolament Ewropew għall-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, tintuża b'mod estensiv fil-pjantaġġuni tal-Amerika t'Isfel u Ċentrali
22. Jinnota li fil-ftehimiet bilaterali l-aktar reċenti mil-huqa mill-UE mal-produtturi tal-banana (il-Ftehim Kummerċjali bejn Diversi Partijiet mal-Kolombja u l-Perù u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali), l-UE aċċettat li tnaqqas progressivament it-tariffa ta' importazzjoni tagħha għall-banana li toriġina minn dawn il-pajjiżi sa EUR 75/tunnellata sal-1 ta' Jannar 2020;
23. Jinnota li l-marġini preferenzjali ta' EUR 39/tunnellata li fl-aħħar mill-aħħar ingħata bil-ftehimiet għandu jtejjeb il-kompetittività b'mod sinifikanti għat-tmien pajjiżi Andini u tal-Amerika Ċentrali u kumpaniji transnazzjonali li joperaw fir-reġjun dwar is-suq tal-UE fil-konfront tal-esportaturi l-oħra jenfasizza li mill-2020 'il quddiem, il-vantaġġi għal dawk il-pajjiżi li diġà jesportaw il-banana lejn l-UE ser ikunu qawwija ħafna, peress li kemm l-esportazzjonijiet tagħhom kif ukoll l-prezz mħallas lilhom ser jiżdied;
24. Jenfasizza li esportaturi MFN l-oħrajn lejn l-UE (l-iktar importanti fosthom hu l-Ekwador), kif ukoll il-pajjiżi tal-AKP u dawk l-anqas żviluppati jistgħu jesperjenzaw tnaqqis fil-kompetittività relattiva tagħhom fis-suq tal-UE fil-konfront tal-firmatarji tal-Ftehimiet dwar il-Kummerċ tal-Banana;
25. Jikkunsidra li l-aċċess għas-suq tal-UE għandu jingħata biss lill-produtturi li jirrispettaw l-aġenda għal xogħol deċenti tal-ILO, kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem u r-regoli ambjentali;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iġhaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-Parlament tal-Istati Membri u tal-Brazilm il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela, l-Istati Uniti u l-pajjiżi tal-AKP.